



Kunsill Ewropew

**Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)**

EUCO 11/26

**CO EUR 9
PV/CO EUR 3**

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 ta' Marzu 2026)

Fil-laqgħa tiegħu tat-18-19 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Marzu 2026, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jsiru pubbliċi.

1.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
2.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna	3
3.	Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti	3
4.	Adozzjoni tal-aġenda	3
5.	Ukrajna	3
6.	Lvant Nofsani	3
7.	Kompetittività u Suq Uniku	3
8.	Difiża u sigurtà tal-Ewropa	4
9.	Migrazzjoni	4
10.	Multilateraliżmu	4
11.	Punti oħra	4
12.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	4
13.	Ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew	4
14.	Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2025 u d-deċiżjoni li jsiru pubbliċi	4

1. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

2. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna, Volodymyr ZELENSKYY, permezz ta' kollegament bil-video.

3. Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, António GUTERRES.

4. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 3/26. Huwa ddeċieda li jneħħi l-punt dwar il-"Qafas Finanzjarju Pluriennali li Jmiss" u li jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'laqgħa futura.

5. Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 2/26 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-Ukrajna fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

6. Lvant Nofsani

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

7. Kompetittività u Suq Uniku

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-kwistjoni tal-kompetittività u pprovda aktar gwida fil-forma ta' aġenda ta' "Ewropa Waħda, Suq Wieħed".

Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina regolarment il-progress fil-fergħat kollha, filwaqt li jipprovdi gwida strateġika addizzjonali meta jkun meħtieġ. B'mod partikolari ser jerġa' lura għall-kwistjonijiet indirizzati taħt "Prezzijiet tal-enerġija affordabbli u Unjoni tal-Enerġija għall-2030" f'Ġunju 2026 biex jirrieżamina l-progress.

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2026 u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

8. Difiża u sigurtà tal-Ewropa

Il-Kunsill Ewropew indirizza l-kwistjoni tad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa.

9. Migrazzjoni

Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni.

10. Multilateraliżmu

Il-Kunsill Ewropew indirizza l-kwistjoni tal-multilateraliżmu.

11. Punti oħra

Il-Kunsill Ewropew indirizza:

- It-tishiġ tar-reżiljenza demokratika tal-Ewropa;
- Il-protezzjoni tat-tfal online;
- Ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna; u
- Ix-Xmara Dniester.

12. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 1/26.

13. Ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jaħtar lis-Sur Boris VUJČIĆ bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Ġunju 2026 (EUCO 7/26).

14. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2025 u d-deċiżjoni li jsiru pubbliċi (EUCO 27/25)

Il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Diċembru 2025 kif jinsabu fid-dokument EUCO 27/25 u ddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.